# Il-Kappella ta' San Ġużepp f'Birżebbuġa

minn Conrad D'Amato

*Segretarju Għaqda Storja u Kultura*

Hekk kif tinżel it-triq ta' Għar Dalam, jew kif inhi magħrufa aħjar t-triq tal-Geru', issib ruħek fil-Bajja ta' San Ġorġ. F'din il-bajja wieħed isib tliet kappelli żgħar, waħda minnhom iddedikata lill-Patrijarka San Ġużepp.

## L-Inħawi

Din il-bajja hi l-ewwel bajja li nsibu f'dan ir-raħal marittimu. Karatteristika marbuta ma' din il-bajja huma l-għadd ta' opri tas-sajjieda ta' l-inħawi. Din il-bajja ħadet isimha minn kappella ddedikata lil San Ġorġ li tinsab eżatt f'nofsha, u li tmur lura għall-1575. Kappella oħra li nsibu f'din il-bajja hi dik ddedikata lill-Madonna Għajnuna ta' l-Insara, li nbniet bi flus it-tabib Matteo Cachia maġemb id-dar residenzjali tiegħu fl-1833. Sas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor kienet għadha tiġi ffestiġjata l-festa esterna ta' din il-kappella f'din il-bajja fix-xahar ta' Mejju. Eżatt quddiem din il-kappella hemm kappella oħra, dik ta' San Ġużepp li fuqha ser nitkellmu. Din il-bajja tissemma' ħafna fl-istorja ta' gżiritna. Eżatt wara l-kappella ta' San Ġorġ, fuq għolja magħrufa bħala ta' Borġ in-Nadur hemm fdalijiet ta' tempju mibni minn nies ta' żmien il-Ħaġar u wara ntuża minn nies ta' żmien il-Bronz, li x'aktarx ħattew u ġarrew xi ġebel minnu. Sal-llum il-ġurnata għadhom jidhru diversi *curt ruts* li jibqgħu neżlin sal-baħar.

## Il-Kappella

Din il-kappella nbniet fl-1871 mill-Kaptan tal-Kumpanija tal-Furjana fil-Milizzja Nazzjonali Emmanuele Vincenzo Zammit, wara li l-Papa Piju IX għamel lil dan il-qaddis bħala l-Patrun Universali tal-Knisja Kattolika. Inbniet eżatt wara d-dar tiegħu li tagħti għal fuq il-ġnien li kellu (illum restorant)). L-istil tagħha hu dak Gotiku, stil li hu rari ħafna fl-inħawi. Tbierket mil-Vigarju Ġenerali Mons. Kanonku Konti Carmelo Scicluna nhar is-17 ta' Lulju tal-1871. Fil-istess ġurnata l-fundatur kiseb id-dritt li jagħmel il-festa esterna tal-qaddis fil-Bajja ta' San Ġorġ kull raba' Ħadd ta' Awwissu ta' kull sena.

Fi żjara li l-Isqof Pace Forno għamel nhar l-14 ta' Novembru tal-1879 sab li din il-kappella kienet ġuspatronat ta' l-armla Maria Theresa Cachia Zammit. Peress li din il-kappella nżammet magħluqa għaż-żewġ visti pastorali li għamel Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi fl-1947, u fl-1956 rispettivament, l-istess Arċisqof fl-ittra li bagħat lill-Kappillan tal-Parroċċa ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Minuti nhar it-13 ta' Awwissu tal-1956 hu ordna lill-istess Kappillan sabiex jinforma lill-propjetarji tagħha li din issa kienet ġiet iprofonata. F'din il-kappella ċkejkna hemm artal wieħed ta' l-irħam abjad. Fuq dan l-artal kien hemm inkwadru ta' San Ġużepp impitter mill-pittur Malti Ġiuseppe Calì. Illum dan l-inkwadru jifforma parti minn kollezzjoni privata f'Birżebbuġa stess.

## Il-Pittur u l-Inkwadru

Ġiuseppe Calì twieled fil-Belt Valletta nhar l-14 ta' Awwissu tal-1846. Fl-1871, iżżewweġ lil Perigina Pace u kellu għaxar ulied. Ta' sbatax -il sena mar Napli fejn studja fl-*Accademia di Belle Arti* taħt il-pittur neo-klassiku Ġiuseppe Mancinelli. Hemmhekk għamel ħbieb ma' Domenico Morelli, li kien esponent tan-Naturaliżmu. Dawn iż-żewġ pitturi influenzawh fix-xogħol tiegħu l-aktar f'dak bikri. Calì miet fil-Belt Valletta nhar l-1 ta' Marzu tal-1930. Barra li kien pittur ċelebri, kien ukoll skultur, litografu, pittur tal-minjatura kif ukoll ritrattista. L-inkwadru hu ta' ċerta mportanza għall-fatt li hu wieħed mill-ewwel xogħolijiet li ħarġu minn taħt idejn dan l-artist b'karriera brillanti. Il-gwarniċun tiegħu hu fuq stil gotiku (bħat-twieqi), u mpitter fuq stil barokk għall-aħħar. Jirrapreżenta lil San Ġużepp jippreżenta rigali lil Ġesu' Bambin. F'dan l-inkwadru Calì (li tiegħu ħalla l-firma) jingħad li pitter lill-bambin fuq it-tifel tiegħu, waqt li uża lil wieħed mill-gabillotti li kien iħallas il-qbiela għandu bħala San Ġużepp.

Illum il-ġurnata wara 138 sena, din il-kappella għadha tifkira ħajja tad-devozzjoni li l-fundaturi u n-nies ta' l-inħawi kellhom lejn dan il-qaddis hekk kbir. Fil-kwiet u l-hemda fejn tinsab, iġġiegħel tieqaf ftit mill-ħajja mgħaġġla tal-llum u taħseb fuq il-ħajja ta' dari, li għalkemm nieqsa mil-ġid materjali pero' kienet bil-wisq iktar għanja fil-ġid naturali.

